



Dokument ta' sessjoni

01.9.2015

B8-0000/2015

ABBOZZ TA' MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni attwali tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp fid-dawl tal-
10 Konferenza Ministerjali tad-WTO
(2015/2632(RSP))

Bernd Lange and Pablo Zalba Bidegain
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (2015/2632(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tal-14 ta' Novembru 2001¹,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Hong Kong tad-WTO tat-18 ta' Diċembru 2005²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2006 dwar il-valutazzjoni taċ-Ċiklu ta' Doha wara l-Konferenza Ministerjali ta' Hong Kong tad-WTO³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2008 bl-isem "Lejn Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ riformata"⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA), u partikolarment dawk tad-9 ta' Ottubru 2008⁵, tas-16 ta' Diċembru 2009⁶, tal-14 ta' Settembru 2011⁷ u tal-14 ta' Novembru 2013⁸,
- wara li kkunsidra r-riżultati tad-Disa' Konferenza Ministerjali ta' Bali f'Diċembru 2013 u partikolarment il-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ⁹,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Eżitu adottat b'kunsens fis-17 ta' Frar 2015 waqt is-Sessjoni Annwali tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO f'Ġinevra,¹⁰
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet li saru fil-laqgħat tal-kapijiet ta' delegazzjoni tad-WTO fis-17 ta' Ġunju 2015,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti¹¹,
- wara li kkunsidra l-Ħames Eżami Globali tal-Għajnuna għall-Kummerċ li sar f'Ġinevra mit-30 ta' Ġunju sat-2 ta' Lulju 2015¹²,

¹ Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha tad-WTO, 2001: WT/MIN(01)/DEC/1 tal-20 ta' Novembru 2001 https://www.wto.org/english/thewto_e/minist_e/min01_e/mindecl_e.htm

² Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Hong Kong (WT/MIN (05)/DEC), adottata fit-18 ta' Diċembru 2005 https://www.wto.org/english/thewto_e/minist_e/min05_e/final_text_e.htm

³ ĠU C 293 E, 2.12.2006, p. 155.

⁴ ĠU C 259 E, 29.10.2009, p. 77.

⁵ ĠU C 9 E, 15.01.2010, p. 31.

⁶ ĠU C 286 E, 22.10.2010, p. 1.

⁷ ĠU C 7 E, 10.01.2012, p. 105.

⁸ Test adottat: P7_TA(2013)0511, 14.11.2013

⁹ Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Bali (WT/MIN (13)/DEC), adottata fis-7 ta' Diċembru 2013 https://www.wto.org/english/thewto_e/minist_e/mc9_e/balideclaration_e.htm

¹⁰ <http://www.ipu.org/splz-e/trade15/outcome.pdf>

¹¹ <http://www.un.org/millenniumgoals/>

¹² https://www.wto.org/english/tratop_e/devel_e/a4t_e/global_review15prog_e/global_review15prog_e.htm

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ċ-Ċiklu ta' Doha tnieda fl-2001 bl-objettivi li jinħolqu opportunitajiet kummerċjali ġodda, jissaħħu r-regoli kummerċjali multilaterali u jiġu ttrattati l-iżbilanċi attwali fis-sistema kummerċjali billi l-esiġenzi u l-interessi tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u speċjalment il-pajjiżi l-anqas żviluppatti jitqiegħdu fil-qalba tan-negozjati; billi tali objettivi jirriżultaw mill-konvinzjoni li sistema multilaterali bbażata fuq regoli aktar ġusti u ekwi, tista' tikkontribwixxi għal kummerċ ġust u ħieles għas-servizz tal-iżvilupp ekonomiku tal-kontinenti kollha kif ukoll għat-taffija tal-faqar;
- B. billi l-UE kienet konsistentement favur approċċ multilaterali b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli fir-rigward tal-kummerċ, filwaqt li tirrikonoxxi li l-approċċi komplementari bħall-ftehimiet bilaterali, reġjonali u plurilaterali jistgħu wkoll irawmu l-ftuħ tal-kummerċ, speċjalment billi jiżblokkaw il-liberalizzazzjoni u jaġġornaw regoli u dixxiplini f'oqsma politiċi ttrattati b'inqas reqqa fid-WTO, u jistgħu jsostnu s-sistema multilaterali, bil-patt li tali ftehimiet jirrispettaw ir-regoli tad-WTO;
- C. billi d-WTO u r-regoli minquxa fil-ftehimiet koperti mid-WTO irriżultaw strumentali biex jevitaw protezzjoniżmu totali u mifrux bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika l-aktar gravi mit-Tletinijiet;
- D. billi l-kummerċ multilaterali miftuħ u ġust qiegħed ikun limitat aktar minn ostakli nontariffarji (ONT) milli mit-tariffi kummerċjali, li qegħdin sostanzjalment jitneħħew hekk kif tavvanza l-globalizzazzjoni;
- E. billi r-riżultati tad-disa' Konferenza Ministerjali tal-2013 huma ta' importanza sistemika għall-organizzazzjoni, u partikolarment il-ftehim tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ li fuqu ntlaħaq qbil f'dik l-okkażjoni u li, minn mindu twaqqfet id-WTO fl-1995, kien l-ewwel darba li ntlaħaq ftehim multilaterali;
- F. billi l-Għaxar Konferenza Ministerjali tad-WTO se ssir fil-Kenja mill-15 sat-18 ta' Diċembru 2015;
- 1. Itenni l-impenn sħiħ tiegħu favur il-valur dejjiemi tal-multilateraliżmu u jappella għal aġenda kummerċjali bbażata fuq kummerċ ħieles u ġust għall-ġid ta' kulħadd, li jmissu jqiegħed lill-iżvilupp fil-qalba tal-proċess;
- 2. Jenfasizza l-importanza li fin-negozjati jitqiesu bis-sħiħ l-esiġenzi u l-interessi speċjali tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp b'introjtu baxx u tal-pajjiżi l-anqas żviluppatti; itenni l-bżonn perentorju biex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' trattament speċjali u differenzjat (S&DT) jikkostitwixxi parti integrali tal-livelli kollha tan-negozjati, li jirrifletti d-diversi livelli ta' żvilupp ekonomiku tal-membri tad-WTO kif definit fil-paragrafu 44 tad-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha; jikkunsidra li d-dispożizzjonijiet S&DT sinifikanti għandhom isiru aktar preċiżi, suġġett għal rieżamijiet perjodiċi u mmirati;
- 3. Isostni riforma strutturali tad-WTO, meħtieġa biex tkun garantita b'mod aħjar sistema kummerċjali miftuħa, ġusta u mhux diskriminatorja msejsa fuq regoli komuni u tieħu aktar kont tar-rwol u tal-interessi tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs);
- 4. Jenfasizza l-importanza jingħata segwitu lid-deċiżjonijiet maqbula waqt id-Disa'

Konferenza Ministerjali bil-għan li jsir progress konkret fl-Għaxar Konferenza Ministerjali ta' Nairobi f'Diċembru mmirata lejn il-konklużjoni taċ-Ċiklu ta' Doha;

5. Jemmen li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ hija strument importanti biex jiggarantixxi tkabbir u żvilupp ekonomiku sostenibbli, iżda għandha bżonn tkun akkumpanjata minn politiki xierqa paralleli li jħaddnu interventi makro- u mikroekonomiċi, inklużi t-trasparenza fil-baġit, il-politiki fiskali u t-tassazzjoni ġusta, is-semplifikazzjoni amministrattiva, l-edukazzjoni u t-taħriġ, ir-riformi istituzzjonali u l-politiki soċjali, bil-għan li jiġu massimizzati u mqassma aħjar il-vantaġġi tar-riformi kummerċjali u kontrobilanċjat b'mod effikaċi kwalunkwe effett negattiv;
6. Jiġbed l-attenzjoni għall-Ħames Konferenza għal Eżami tal-Għajnuna għall-Kummerċ li saret f'Lulju 2015 f'Ġinevra bit-titolu "Tnaqqis tal-kostijiet tal-kummerċ għal tkabbir sostenibbli u inklużiv" li kkonċentrat partikolarment fuq l-implimentazzjoni tal-ftehim tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ;
7. Jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-ftehim tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ ħalli jkun jista' jidħol fis-seħħ qabel l-Għaxar Konferenza Ministerjali; iqis li dan il-ftehim se jsarraf f'vantaġġi konsiderevoli għall-membri kollha tad-WTO, u partikolarment għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi rilevanti, billi jżid it-trasparenza u ċ-ċertezza tad-dritt u jnaqqas il-kostijiet amministrattivi kif anki t-tul tal-proċeduri doganali, li, min-naħa tagħhom, ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-siġħ mill-opportunitajiet offruti mill-prevalenza dejjem ikbar tal-katina tal-provvista reġjonali u globali u l-SMEs ikunu jistgħu jieħdu vantaġġ minn swieq aktar miftuħa; jindika li għandhom ikompli jkunu disponibbli l-bini ta' kapaċità u l-assistenza teknika għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u daww l-anqas żviluppanti biex jitħallew iżidu l-kapaċitajiet produttivi tagħhom bil-għan li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn sehem akbar tal-valur miżjud fil-katini tal-valur globali;
8. Jinkoraġġixxi lill-membri tad-WTO jappoġġaw b'mod proattiv l-isforzi ta' din l-organizzazzjoni intiżi li jstabbilixxu rabtiet ta' xogħol effiċjenti u effikaċi u kooperazzjoni aktar intensa ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn li l-attivitajiet tagħhom għandhom impatt fuq in-negozjati kummerċjali dinjin, partikolarment l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa u n-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji u l-korpi tagħha bħall-Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, il-Programm tan-NU għall-Ambjent, il-Programm tan-NU ta' Żvilupp u l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, kif ukoll il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), il-Bank Dinji u l-OECD, bil-għan li jiġi żgurat is-sostenn reċiproku u s-sinerġiji bejn il-kwistjonijiet ta' natura kummerċjali u mhux kummerċjali; isostni l-isforzi mmirati għall-adozzjoni ta' standards internazzjonali u għall-kooperazzjoni f'ambitu ta' regolamentazzjoni;
9. Jitlob li tiġi eżaminata bir-reqqa l-problema ta' kif jiġi ttrattat aħjar it-tħassib mhux kummerċjali fl-ambitu tar-regoli tad-WTO, bl-iskop li l-membri tagħha jitħallew isegwu l-oġettivi politiċi leġittimi, filwaqt li ma jostakolawx l-aċċess għas-suq; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-isforzi sabiex jiġu adottati standards internazzjonali għandu jkollhom appoġġ b'saħħtu u li għandha tingħata l-għajnuna meħtieġa lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp sabiex ikun possibbli li dawn jilhqqu dawn l-istandards;
10. Huwa konvint li l-assenza ta' differenzjazzjoni suffiċjenti bejn il-pajjiżi fil-fażi tal-

iżvilupp, minkejja d-diversità kbira tal-livelli ta' żvilupp ekonomiku tagħhom u tal-esiġenzi partikolari tagħhom, tista' tkun ostaklu għall-adozzjoni ta' miżuri effikaċi favur dawn il-pajjiżi, skont l-oġettiv iddikjarat ta' Ċiklu ta' Doha u hija a skapitu tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp li huma l-aktar fil-bżonn; iħeġġeġ lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp l-aktar avvanzati jassumu s-sehem ta' responsabilità tagħhom diġà matul iċ-ċiklu ta' negozjati attwali u jiżguraw li l-kontribut tagħhom ikun proporzjonat għal-livell ta' żvilupp tagħhom u għall-kompetittività settorjali tagħhom;

11. Jemmen li hija essenzjali l-konklużjoni ta' Ċiklu ta' Doha, li ilu għaddej żmien twil, bil-mandat tiegħu għall-iżvilupp realizzat; iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-membri kollha tad-WTO jeżaminaw, fid-dawl ta' tali oġettiv aħħari, l-għażliet kollha possibbli bil-għan li jintlaħaq riżultat bilanċjat;
12. Japprezza l-progress li sar sal-lum fir-rigward tal-inizjattivi plurilaterali bħall-Ftehim dawn il-Beni Ambjentali u l-Ftehim dwar it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni kif ukoll tal-inizjattivi bħall-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi; jemmen li l-ftehimiet plurilaterali jistgħu jkunu komplementari għall-approċċ multilaterali bl-oġettiv finali jkun dak li jħaddnu numru minimu ta' membri u li jadottaw natura multilaterali;
13. Jinsisti li l-UE għandha tkompli tiżvolġi rwol ta' tmexxija fil-promozzjoni tal-progress konkret fi ħdan in-negozjati tad-WTO li għaddejjin, bl-iskop li tinkiseb konklużjoni ta' Ċiklu ta' Doha fil-futur qrib, u taġevola l-parteeipazzjoni totali tal-pajjiżi l-anqas żviluppati fil-kummerċ globali, billi tagħmilha ta' pont bejn id-diversi pożizzjonijiet tal-membri tad-WTO;
14. Jisħaq fuq l-importanza kruċjali tad-WTO fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-eżekuzzjoni tal-impenji vinkolanti u tar-riżoluzzjoni tat-tilwim kummerċjali kif ukoll il-kontribut uniku tagħha fil-promozzjoni ta' aktar trasparenza u reviżjoni bejn il-pari, partikolarment peremzz tal-Mekkaniżmu ta' Eżami tal-Politiki Kummerċjali;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiżguraw li l-Parlament ikompli jkun involut mill-qrib fit-tnejja tal-Għaxar Konferenza Ministerjali, jinżamm aġġornat fil-pront u, jekk ikun neċessarju, jiġi kkonsultat matul il-Konferenza Ministerjali; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssostni quddiem il-membri l-oħra tad-WTO l-bżonn li tiżdied l-importanza tad-dimensjoni parlamentari tad-WTO;
16. Jistieden lill-membri tad-WTO jiżguraw il-leġittimità demokratika billi tissaħħaħ id-dimensjoni parlamentari tad-WTO; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-hteġa li jkun żgurat li l-parlamentari jkollhom aċċess aħjar għan-negozjati kummerċjali u jkunu involuti fil-formulazzjoni u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tad-WTO u li l-politiki kummerċjali jkunu eżaminati adegwament fl-interessi ta' ċittadini; jitlob, għalhekk, it-twaqqif ta' delegazzjoni parlamentari permanenti tal-UE għad-WTO;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lid-Direttur Ġenerali tad-WTO.